# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 10**

**Citazzjoni Numru: 885/94 JF**

**Nazzareno Dimech**

**Vs**

**Raymond Mallia ghan-nom u in rapprezentanza ta' B & M Supplies Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur xtara u akkwista minghand is-socjeta' konvenuta, kamra

tal-banju tal-marka "Twyfords" u dan fid-9 ta' Settembru, 1993 versu l-prezz ta' disa' mija u tletin.

U premess illi l-kamra tal-banju de quo ma kienitx ta' kwalita' pattwita u kellha hafna difetti konsistenti fi xquq.

Talab li din il-Qorti:

1. Tordna li ssir ir-rexxissjoni tal-bejgh in kwistjoni.

2. Tikkundanna l-konvenut jirrifondi lura s-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltin (Lm930).

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni proposta mill-attur ma tezistix fil-Ligi billi l-Art 1390 tal-Kodici Civili jikkontempla biss li x-xerrej li accetta l-konsenja jista' jitlob li jzomm "il-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti".

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata kienet tal-kwalita' pattwita u kienet skond il-kampjun li fuqu sar il-bejgh.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjoni in parte moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-16 ta' Gunju 1995, u li biha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju u n-noti ta' osservazzjonijiet li gew ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-attur xtara sett tal-kamra tal-banju minghand is-socjeta' konvenuta skond kif jidher mid-delivery note esebita fil-process – ara fol. 24 Dok A, liema bejgh sar fid-9 ta' Settembru 1993. Il-materjal gie kkonsenjat f'Ottubru 1993. Fit-23 ta' Mejju 1994 – ara ittra legali a fol. 4 tal-process – l-attur talab li l-banju tas-sett mixtri jigi mibdul b'banju gdid billi dak li gie lilu kkonsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita "stante li l-banju instab li kien fih xquq konsiderevoli".

Illi wara li sema' l-provi u spezzjona l-banju de quo – li baqa' fil-pussess ta' l-attur – il-perit gudizzjarju kien tal-fehma li m'ghandux "jimputa hsara lill-konvenuti ghaliex bl-ebda mod ma gie ppruvat illi huma kienu negligenti fil-konsenja ta' l-oggett waqt illi mill-banda tieghu l-konvenut (recte l-attur) kellu kull possibilita' sabiex jezaminah, u mhuwiex gust illi wara daqstant zmien jitlob illi l-banju jigi mibdul ghaliex sab il-hsara fih".

Illi mill-provi jirrizulta bic-car li hsarat, konsistenti fi xquq, kien hemm fil-banju mixtri mill-attur. Madanakollu jirrizulta mhux biss li l-attur spezzjona l-banju waqt il-konsenja imma li dak il-hin huwa ffirma d-"delivery note" li kien qieghed jircievi is-sett "in good order and condition" – ara Dok B, fol. 24. Irrizulta inoltre li l-konvenuti nomine segwew il-procedura solita sabiex sa fejn huwa possibbli l-oggett mixtri jigi kkonsenjat u mghoddi lill-kompratur b'mod garbat u professjonali. Lanqas ma rrizulta lill-perit tekniku li l-hsara de quo kienet tikkonsisti f'xi difett tal-manifattura. Li kieku kien hekk, kien ikun ferm difficli ghall-venditur li jiskaguna lilu nnifsu. Pero' trattandosi ta' hsarat mhux fil-manifattura – fejn allura l-ipostesijiet huma varji – kien jinkombi fuq l-attur li jistabbilixxi ness bejn l-agir tal-konvenut nomine u l-hsarat riskontrati. Dan ma sarx min-naha ta' l-attur. Mhux bizzejjed li wiehed – f'dan il-kaz l-attur – bhal donnu jistenbah hafna xhur wara li sar il-bejgh u l-konsenja u jallega li sab hsarat li ictu oculi (a differenza ta' difetti mohbija) kienu ben evidenti u dan wara d-dekors ta' madwar hames xhur jew aktar mill-konsenja u wara li jkun iffirma li l-oggett ircevieh fi stat u kondizzjoni tajba. Huwa kollu ezercizzju inutli ghall-attur li xhur wara l-konsenja joqghod jipprova jargumenta u jispekula

kif setghu few ikkagjonati dawn il-hsarat vizibbli. Li kieku l-attur ressaq il-prova fuq bazi ta' probabilita' li l-hsarat graw qabel ma sehhet il-konsenja allura t-talbiet tieghu kienu jregu imma dana l-attur ma rnexxilux jaghmlu. Jekk kien hemm nuqqas ta' diligenza ta' bonus paterfamilias din kienet attribwibbli lill-attur u mhux lis-socjeta' konvenuta li mxiet bil-mod li kienet tenuta li tipprocedi bih. Li kieku kellha tigi accettata t-tezi attrici, fic-cirkostanzi partikolari li jemergu f'dan il-kaz, ikun ifisser li l-venditur ma jkun mehlus qatt mir-responsabbilita", lanqas ghall-hsarat li jigru xhur wara li jkun saret il-konsenja min-naha tieghu lix-xerrej.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li taghmel riferenza ghas-sentenza in parte moghtija fis-16 ta' Gunju 1995, tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk peritali, kontra l-attur eskluzi biss pero' dawk l-ispejjez relativ ghad-decizjoni preliminari relativa ghall-ewwel eccezzjoni.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md